MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 393/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roger Mangion**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Roger Mangion ta’ 39 sena, bin Nazzareno u Esther nee` Grima, mwieled Attard, fil-5/1/1968 u joqghod gewwa Bonceldo, Triq Fomm l-Ghalliem, High Ridge, Madliena jew The Avenue Bar & Restaurant, Triq Paceville Ave, San Giljan ID 21568(M) talli fit-18/6/2007 ghal habta ta’ 6.00hrs gewwa Triq Gort, San Giljan, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes ta’ generator, jew b’mod iehor.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta’ Novembru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Roger Mangion hati skond l-imputazzjoni kif

dedotta kontra tieghu, ikkundannatu ghal piena ta' detenzjoni ghal perjodu ta' xahar, ordnatlu jnehhi l-kawza ta' l-inkonvenjent (u dan a tenur tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9), kif ukoll, wara li rat l-Artikolu 30 tal-Kap. 9, ordnat "li l-licenzja li biha jigi gestit il-kummerc li tieghu jigi wzat dan il-generator tigi mhassra b'effett immedjat";

Rat ir-rikors ta' appell ta' Roger Mangion, minnu prezentat fit-13 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet kemm fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2008 kif ukoll fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji, pero` din il-Qorti tara li huwa bizzejjed f'dan il-kaz li wiehed imur mill-ewwel ghall-ahhar aggravju tieghu. Dan hu fis-sens li, galadarba l-ewwel qorti sabet htija a bazi ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali, hija certament kienet skorretta f'dan peress illi dina d-disposizzjoni tal-ligi tikkontempla ksur il-mistrieh tan-nies bil-lejl, mentri fis-sitta ta' filghodu fit-18 ta' Gunju ikun diga` sebah.

L-appellant ghandu ragun. Il-kwerelant David Alamango, fid-deposizzjoni tieghu, insista li l-*generator* li huwa qed jilmenta minnu inxteghel fis-6 ta' filghodu. Issa, fid-data in kwistjoni – 18 ta' Gunju 2007 – ix-xemx telghet fis-sitta neqsin kwart (5.45/5.46 a.m.). Dan huwa fatt li din il-Qorti tista' tiehu *judicial notice* tieghu billi llum tali informazzjoni hija facilment a disposizzjoni ta' kulhadd. Apparti minn hekk anke l-prosekuzzjoni taqbel li bhala fatt dan hu hekk – ara l-*email* mill-Met Office lill-Ufficju ta' l-Avukat Generali annessa man-nota ta' l-istess Avukat Generali tal-25 ta' Jannar 2008. Konsegwentement ma jistax jinghad li kien hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 338(m) li tikkontempla ksur tal-mistrieh tan-nies (bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor) biss bil-lejl. Il-prosekuzzjoni donnha qed targumenta li l-ewwel qorti applikat id-disposizzjoni zbaljata tal-ligi b'mod ghalhekk li dan jekwivali ghal daqs li kieku ma ssemmiex l-artikolu tal-ligi, u ghalhekk talbet li s-sentenza tigi annullata a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu

382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 ta' l-istess Kodici. Pero` ghalkemm din il-Qorti, fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2008, stiednet lill-Avukat Generali jindika liema kienet, skond hu, id-disposizzjoni tal-ligi korretta li tikkontempla r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni, huwa baqa' ma indika ebda tali disposizzjoni. Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li effettivament, meta l-Pulizija Ezekuttiva harget ic-citazzjoni, hija kellha f'mohha biss l-imsemmi Artikolu 338(m) tal-Kap. 9, kif jidher mil-lokuzzjoni adoperata, anke jekk thalliet barra, bi zvista jew ghall-konvenjenza, il-kelma "bil-lejl". Ghalhekk ma hemm ebda lok ta' nullita tas-sentenza appellata, mentri hemm lok li l-appell jintlaqa' ghax ma hemmx l-estremi tar-reat ipotizzat fl-imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------